

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 793/2011**tal-5 ta' Awwissu 2011****li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd minn "bastimenti tat-tkarkir bil-friża għas-sajd pelaġiku" tal-kategorija 9 fiż-Żona Ekonomika tal-Mawritanja minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 704/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012 ⁽²⁾ irristringa l-opportunitajiet tas-sajd għal kategorija 9 (bastimenti tat-tkarkir bil-friża għas-sajd pelaġiku) għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 250 000 tunnellata.
- (2) B'kunsiderazzjoni li abbażi tal-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament hawn fuq imsemmi, ġiet allokata kwota supplimentari ta' 50 000 tunnellata għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2010 sal-31 ta' Lulju 2011, biex b'hekk it-tunnellaġġ ta' referenza totali tela' għal 300 000 tunnellata.
- (3) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, qabdiet irrapportati f'din il-kategorija ta' sajd minn bastimenti li

jtajru l-bandiera tal-Istati Membri kkonċernati jew li ġew irreġistrati fihom, eżawrew il-kwota għall-perjodu ta' referenza msemmi hawn fuq.

- (4) Għalhekk, jeħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd għal din il-kategorija ta' sajd jiġu pprojbit.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri kkonċernati għandha titqies bħala eżawrita mid-19 ta' Lulju 2011.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd fil-kategorija 9 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri kkonċernati jew li ġew irreġistrati fihom għandhom jiġu pprojbiti mid-19 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Lulju 2011. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut li jinqabad minn dawk il-bastimenti matul dan il-perjodu.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2011.

Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 203, 31.7.2008, p. 1.